# Stqarrija

## Nassaba ħatja li ħebbew għal tim ta' BirdLife Malta

Żewġ nassaba ġew ikkundannati b'sentenza ta' libertà kkundizzjonata għal sena wara li nstabu ħatja li tliet snin ilu qrib il-Magħtab, ħebbew u darbu ħafif żewġ membri tal-istaff ta' BirdLife Malta.

L-inċident involva aggressjoni bla provokazzjoni, meta tim ta' BirdLife Malta, li kien miexi fi triq pubblika ħdejn 'boatyard' fil-Magħtab, ġie segwit u aggredit minn missier u ibnu. It-tim ta' BirdLife Malta kien qiegħed fl-akwati jirrapporta nsib illegali fl-Għallis, rapport li l-Pulizija kienu rrispondew għalih.

X'ħin it-tim kien sejjer lura lejn il-vettura tiegħu bil-mixi, żewġt irġiel ħarġu mill-'boatyard', bdew joffendu lill-istaff ta' BirdLife Malta u bdew jiffilmjawhom. Kien f'dak il-mument, li membru tat-tim bdiet tirrekordja l-inċident għas-sigurtà tat-tim. Meta ra dan, wieħed min-nassaba qabad membru tat-tim, ipprova jaħtfilha l-mowbajl u darabha ħafif fil-proċess. Ibnu dar fuq il-membru l-ieħor tat-tim, imbuttaha ma' ħajt tas-sejjieħ u pprova jtiha daqqa ta' ponn u kkaġunalha ġrieħi ħfief ukoll.

L-inċident ġie rrappurtat l-għassa tal-Pulizija tan-Naxxar, bl-evidenza li inkludiet ċertifikati mediċi taż-żewġ membri tal-istaff midruba, kif ukoll ritratti mill-post tal-aggressjoni. Fis-sentenza tagħha lbieraħ, il-Maġistrat Yana Micallef Stafrace sabet liż-żewġ irġiel ħatja li darbu ħafif lit-tim. Madankollu, il-Qorti lliberathom mill-akkużi relatati mal-imbuttar, l-abbuż verbali u t-theddid, peress li l-Pulizija Eżekuttiva naqset milli tipprovdi evidenza li l-aggressuri ġew infurmati kif suppost fi żmien it-tliet xhur stabbiliti bil-liġi. Għaldaqstant, dawn l-akkużi tqiesu bħala preskritti. Joseph Grech u Carmel Grech ingħataw sentenza ta' libertà kkundizzjonata għal sena.

B'reazzjoni għas-sentenza, il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana qal: *"BirdLife Malta hija familjari mal-liġijiet u r-regolamenti, u aħna nżommu magħhom b'mod strett, flimkien mal-protokolli interni tagħna maħsuba biex jipproteġu l-benesseri tal-membri tat-tim tagħna fuq il-post. L-inqas li nistennew huwa kooperazzjoni sħiħa mill-Pulizija meta jseħħu dawn*

*l-inċidenti sabiex issir ġustizzja. In-nuqqas ta' evidenza li l-aggressuri ġew infurmati fil-ħin ippermettilhom jevitaw il-konsegwenzi kollha ta' għemilhom. Se tintbagħat ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar din il-kwistjoni."*

BirdLife Malta tirringrazzja lil Dr Stephen Tonna Lowell u Dr Ana Thomas, li dehru għall-*parte civile* f'dan il-każ.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Antonia Micallef
Public Engagement Executive BirdLife Malta
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Cell: 9986 1436
Email: antonia.micallef@birdlifemalta.org

Biex issir membru ta' BirdLife Malta
http://birdlifemalta.org/become-member/

**Ritratti:**

1. Tim ta' BirdLife Malta jiġi segwit u ffilmjat minn żewġ nassaba sekondi biss qabel ma ġie aggredit, abbużat verbalment u mhedded fil-Magħtab fl-10 ta' Marzu 2022. Tliet snin wara, iż-żewġ aggressuri ngħataw sentenza ta' libertà kkundizzjonata iżda ġew illiberati minn akkużi oħra.